MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 173/2008

**Golden Harvest Mfg Co Ltd – C 176**

**-vs-**

**Ramazan Ertugrul**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t’erba’ mija u sebgha u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€447.24) – (Lm192) liema somma tirrapprezenta prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Mark Aquilina bhala direttur tas-socjetà attrici li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut u li l-konvenut ma hallas xejn.

Illi ghalhekk it-talba attrici tirrizulta provata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma t'erba' mija u sebgha u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€447.24) – (Lm192) bl-imghax li jibda jiddekorri mill-14 t'April, 2008. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------